FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju, 2002

**Numru 28**

**Avviz. numru 847/02JR**

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Christian Marlin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fil-5 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm1350.00), rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala, kollha ta' disghin lira Maltija (Lm90.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2000 sa Frar 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 15 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-19 ta' Frar, 2002 jammontaw ghall-sebgha u sebghin-il lira Maltija (Lm77.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta pero` deher fis-seduta tat-30 t'April, 2002, meta gie dikjarat li l-partijiet kienu qed jiddiskutu termini ta' pagament.**

**Ra n-nota konguntiva tal-partijiet prezentata fl-24 ta' Mejju, 2002, li biha stante pagament ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) fil-mori tal-kawza, in kwantu ghall-sitt liri (Lm6.00) imghax sas-6 ta' Mejju, 2002, u l-bilanc ta' seba' mija u erbgha u disghin lira Maltija (Lm794.00) akkont tas-sorte, irriduciet is-sorte ghall-hames mija u sitta u hamsin lira Maltija (LM556.00) bl-imghax mis-7 ta' Mejju, 2002, u l-ispejjez tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-bilanc kif ridott kien ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, qed jilqa' t-talba limitatament fl-ammont ta' hames mija u sitta u hamsin lira Maltija (LM556.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' hames mija u sitta u**

**hamsin lira Maltija (LM556.00) bl-imghax mis-7 ta' Mejju, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**